b) responsibility for proper and efficient operation and cleanliness of all equipment used;

c) responsibility for and direction of the efforts of student radiographers and other non professional assistants.

d) making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division

Further details of the job description of the post may be obtained from the Personnel Section, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana.

6. Selected candidates must be prepared to work flexible hours according to the exigencies of the service.

7. Applicants must:

a) ikunu ċittadini ta' Malta jew ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

c) ikollhom ċertifikat li juri li huma rreġistrati bħala *Radiographer (Diagnostic)* mal-Kunsill għall-Professjonijiet Kumplimentari għall-Mediċina (Malta);

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġa' qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

8.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

8.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

9. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

10.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għall-pożizzjoni.

10.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Wieħed ikun jista' jara r-riżultat fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

10.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-

a) be citizens of Malta or of a European Union Member State;

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a certificate of registration as Radiographer (Diagnostic) with the Council for the Professions Complementary to Medicine (Malta);

d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); those applying from outside the Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

8.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

8.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

9. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

10.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

10.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

10.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on

Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq: http://www.psc.gov.mt. Johroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

10.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

11. L-applikanti li jgħaddu jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal din il-pożizzjoni.

12. Malli jingaġġaw, il-persuni magħżula jintrabtu bil-kundizzjonijiet kif hemm stipulat fil-kuntratt dwar l-ingaġġ ta' Persuni fuq bażi ta' kuntratt li japplika għal dawk l-uffiċjali pubbliċi li m'għandhomx/għandhom ħatra sostantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, liema kuntratt jidher f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code*. Wieħed jista' jara l-*Public Service Management Code* fuq il-*website* tal-*Management and Personnel Office* fl-indirizz:

http://www.mpo.gov.mt.

13. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
htt://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana.

14. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta'April 2005.

15. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

16. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-8 ta' Marzu, 2005

the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

10.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

11. Successful applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

12. On engagement, selected applicants will be bound by the terms and conditions stipulated in the agreement for the engagement of contract employees for public officers not holding/holding a substantive appointment in the Malta Public Service, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the Management and Personnel Office website at address:

http://www.mpo.gov.mt.

13. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
htt://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

14. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Merchants Street, Valletta, by not later than noon of Friday, 1st April 2005.

15. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 21242884.

16. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

8th March, 2005

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Ingaġġ ta' *Casual Cleaners* fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

Id-Direttur Ġenerali (Edukazzjoni) jgħarraf li jilqa' applikazzjonijiet mingħand persuni li jixtiequ li jitqiegħdu fuq lista uffiċjali ta' kandidati biex skond il-ħtieġa u l-bżonn jiġu kkunsidrati għall-impieg bħala *Cleaners* fuq bażi *Casual* f'din l-Iskola ta' l-Istat:

Skola Sekondarja San Franġisk ta' Assisi, Sta. Venera

2. L-ordni tal-mertu tinħoloq wara li l-applikanti eliġibbli jiġu intervistati, biex jiġi stabbilit dwar kemm huma adatti għall-post ta' *Casual Cleaners*.

3. Ir-riżultat u l-ordni tal-mertu finali jibqa' validu għal perijodu ta' sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu.

4. Kull ingaġġ ikun ta' natura għal kollox temporanja u jista' jiġi mitmum mill-Gvern jew mill-*Casual Cleaner* f'kull żmien billi jingħata avviż bil-miktub ġimgħa qabel, bla ħtieġa li tingħata r-raġuni. L-ingaġġ ikun terminat xorta waħda għall-matul il-vaganzi ta' l-iskola tas-sajf jew inkella matul parti minnu.

5. Il-kandidati li jintgħażlu jkunu normalment mistennija li jaħdmu minn tnejn sa tliet sigħat kuljum wara l-ħin ta' l-iskola. F'każ eċċezzjonali u dejjem fid-diskrezzjoni tal-Kap ta' l-Iskola, jistgħu jintalbu li jaħdmu matul il-ħinijiet ta' l-iskola.

6. Il-ħlas ikun bir-rata ta' Lm1.61.1 għal kull siegħa maħduma. Il-*Casual Cleaners* ikunu intitolati wkoll għall-*bonus* annwali u l-ħlas supplimentari ta' kull ġimgħa, it-tnejn fuq bażi *pro-rata* skond in-numru ta' sigħat maħduma.

7. *Casual Cleaners* ma jkunux eliġibbli biex japplikaw għal sejħiet għall-applikazzjonijiet li jkunu miftuħin għall-impjegati tal-Gvern.

8. Il-kandidati għandhom:-

(a) ikunu ċittadini ta' Malta jew ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija;

(ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (ċertifikat tal-Pulizija dwar il-Kondotta maħruġ fi żmien sitt xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet, għandu jinthemeż ma' l-applikazzjonijiet).

(d) ikollhom 17-il sena jew aktar. L-applikanti jridu jissottomettu ċertifikat tat-twelid tagħhom flimkien ma'

EDUCATION DIVISION

Engagement of Casual Cleaners in the Education Division

The Director General Education Division notifies that applications are being accepted from interested persons who would like to be placed on an order of merit of successful applicants for engagement as a Casual Cleaner in the following State School, if and when the need arises:

St Francis of Assisi Secondary School, St Venera

2. The final order of merit will be published after all eligible applicants are interviewed to assess their suitability for the post of Casual Cleaner.

3. The order of merit will remain valid for a period of two (2) calendar years from the date of publication of the final result.

4. Any engagement made will be of an entirely temporary nature and may be terminated by the Government or by the Casual Cleaner at any time by giving a week's notice in writing without specifying any reason thereof. The engagement will however be suspended for the whole or part thereof, of the school summer holidays.

5. Selected candidates who are engaged will normally be expected to work after school hours from 2 to 3 hours per day. Exceptionally however they may be required to work during school hours at the discretion of the Head of School.

6. Remuneration will be at a rate of Lm1.61.1 for every hour worked. Casual Cleaners will also be entitled to the annual bonus and the weekly income supplement both on a pro-rata basis according to the number of hours worked.

7. Casual Cleaners will not be eligible to apply for any internal calls for applications open to serving Malta Government employees.

8. Candidates must:

(a) be citizens of Malta or a European Union Member State;

(b) must have the ability to communicate in the Maltese language;

(c) be of good moral character (a Police Certificate of Conduct issued within 6 months prior to the closing date of applications must be produced).

(d) be 17 years of age or older. Applicants should produce their Birth Certificate with that of their father (issued from

ċertifikat tat-twelid ta' missierhom. Iż-żewġ ċertifikati jridu jkunu maħruġa minn awtoritajiet pubbliċi kkonċernati.

(e) (i) Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post/pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office*.

(ii) Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu xhieda dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Kap ta' l-Iskola u tkun ikkupjata lill-KNPD.

9. Applikanti eliġibbli jridu joqogħdu għall-intervista mill-Kunsill Skolastiku ta' l-Iskola biex jiġi stabbilit kemm huma adatti għall-post ta' *casual cleaners*.

10. Kull min hu interessat jista' jiġbor applikazzjonijiet mill-Uffiċċju tas-Segretarju tal-Kunsill ta' l-iskola konċernata.

11. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mis-Segretarju tal-Kunsill Skolastiku ta' l-Iskola sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ħamis, l-24 ta' Marzu, 2005.

12. Is-Segretarju tal-Kunsill Skolastiku jagħti rċevuta għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn dak il-ħin stess.

13. Min jibgħat l-applikazzjoni bil-posta għandu jieħu ħsieb li jibgħatha kmieni biżżejjed biex tasal qabel il-ħin u d-data ffissati għall-għeluq ta' l- applikazzjonijiet. Tintbagħat irċevuta mis-Segretarju tal-Kunsill Skolastiku, biex jikkonferma li l-applikazzjoni tkun waslet.

It-8 ta' Marzu, 2005

(e) (i) Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office.

(ii) Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Head of School and copied to the NCPD.

9. Eligible applicants will be interviewed by the School Council to assess their suitability for the post.

10. Interested persons may collect application forms from the Office of the Secretary of the School Council of the school.

11. Applications will be received in the first instance by the Council Secretary of the school by not later than noon of Thursday, 24th March, 2005.

12. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Secretary of the School Council at the time of delivery.

13. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Council's Secretary, within seven days.

8th March, 2005

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Eżamijiet għall-Ħruġ ta' Liċenzi ta' *Engine Driver* fuq l-Art

Id-Direttur ta' l-Eżamijiet u l-Bord ta' l-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jgħarrfu illi f'Mejju 2005 se jsiru eżamijiet għall-ħruġ ta' Liċenzi ta' *Engine Driver* fuq l-art.

2. Jingħataw liċenzi kif jidher hawn taħt:–

A. *Engine Driver (Steam)* (It-Tieni Grad)
B. *Engine Driver (Steam)* (L-Ewwel Grad)

EXAMINATIONS DEPARTMENT

Examinations for the Issue of Engine Driver Licences (Land)

The Director of Examinations and the Board of Local Public Examinations, notify that examinations for the issue of Engine Driver Licences (Land) will be held in May, 2005.

2. The following licences will be granted:–

A. Engine Driver (Steam) (Second Grade).
B. Engine Driver (Steam) (First Grade).

Ċ. *Engine Driver* (Kombustjoni Interna) (It-Tieni Grad)
D. *Engine Driver* (Kombustjoni Interna) (L-Ewwel Grad)
E. *Electric Motor Driver* (It-Tieni Grad)
F. *Electric Motor Driver* (L-Ewwel Grad)

3. Ebda kandidat ma jitħalla joqgħod għall-eżami ta' l-Ewwel Grad kemm-il darba ma jkollux il-liċenza rispettiva tat-tieni grad u kemm-il darba ma jkunx għamel 18-il xahar bħala *Engine Driver* jew *Electric Motor Driver* fuq l-Art.

4. Eżamijiet tat-Tieni Grad ikunu eżamijiet orali biss.

5. L-eżamijiet ta' l-Ewwel Grad ikunu jikkonsistu f'eżamijiet bil-miktub u orali.

6. Wieħed jista' jara r-Regolamenti u s-Sillabi ta' l-Eżamijiet li ġew ippubblikati fin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 340 tas-6 ta' Awissu, 1954, u li ġew emendati b'Avviż Legali Nru. 26 ta' l-1964, fid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana u fiċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex, fil-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

7. Il-kandidat li joqgħod għall-eżamijiet tat-Tieni Grad għandu jkun għalaq id-dsatax-il sena sa l-1 ta' Mejju, 2005, u jippreżenta:–

(a) il-Karta uffiċjali ta' l-Identità u fotokopja tagħha;

(b) ċertifikat tal-Kondotta mill-Pulizija (maħruġ mhux aktar tard minn sitt xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet);

(ċ) dokumenti li juru b'mod ċar il-perijodu tas-servizz, inklużi dati u klassi ta' xogħol, li fihom kien impjegat;

(d) ċertifikati li juru li hu għamel kors ta' sena b'riżultat tajjeb dwar l-inġinerija f'istituzzjoni edukattiva rikonoxxuta jew li għandu kwalifiki ekwivalenti.

8. Il-kandidat li joqgħod għall-eżamijiet ta' l-Ewwel Grad għandu jippreżenta:–
(a) il-Karta uffiċjali ta' l-Identità u fotokopja tagħha;

(b) ċertifikat tal-Kondotta mill-Pulizija (maħruġ mhux aktar tard minn sitt xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet);

(ċ) il-liċenza rispettiva tat-Tieni Grad;

(d) dokumenti li juru li hu serva għal 18-il xahar bħala *Engine Driver* jew *Electric Motor Driver* fuq l-art kif ikun il-każ.

9. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana jew miċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex, jew mill-*website* tad-Dipartiment ta' l-Eżamijiet fuq www.exams.gov.mt mid-data

C. Engine Driver (Internal Combustion) (Second Grade).
D. Engine Driver (Internal Combustion) (First Grade).
E. Electric Motor Driver (Second Grade).
F. Electric Motor Driver (First Grade).

3. No candidate will be allowed to take a First Grade examination unless he is in possession of the respective Second Grade licence and unless he has served for 18 months as Engine or Electric Motor Driver on Land.

4. Second Grade examinations will consist of oral examinations only.

5. First Grade examinations will consist of written and oral examinations.

6. The Regulations and Syllabus of the Examinations which were published in Government Notice No. 340 of 6th August, 1954, and which were amended by Legal Notice No. 26 of 1964, are available for perusal by candidates at the Department of Examinations, Floriana and at the Examinations Centre, Victoria, Gozo, during office hours.

7. A candidate sitting for second grade examinations must be 19 years of age by the 1st May, 2005 and must produce:–

(a) the official Identity Card and a photocopy thereof;

(b) a Police Certificate of Conduct; (issued within 6 months prior to the closing date for applications);

(c) testimonials stating clearly the period of service, including dates and classes of work, in which he has been employed;

(d) certificates showing that he has successfully completed a one-year engineering course at a recognized educational institution or that he possesses equivalent qualifications.

8. A candidate sitting for First Grade examinations must produce:–
(a) the official Identity Card and a photocopy thereof;

(b) a Police Certificate of Conduct (issued within 6 months prior to the closing date for applications);

(c) the respective Second Grade licence;

(d) testimonials showing that he has served for 18 months as Engine or Electric Motor Driver on land as the case may be.

9. Application forms may be obtained from the Department of Examinations, Floriana or the Examinations Centre, Victoria, Gozo, or from the Department of Examinations' website on www.exams.gov.mt from the date of publication

tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż.

10. Dawn l-applikazzjonijiet (dawk biss li jintlaqgħu) akkumpanjati bi dritt ta' ħlas ta' Lm4 (li preferibbilment jitħallsu b'ċekk), jintlaqgħu fid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana u fiċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex minn nhar it-Tnejn, l-4 ta' April, 2005 sa nhar il-Ġimgħa, it-8 ta' April, 2005, bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar u mis-1.30 p.m. sal-4.00 p.m.

11. Ma jiġux ikkunsidrati applikazzjonijiet li jaslu tard.

12. Il-Bord ta' l-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jkollu s-setgħa li jittratta sommarjament ma' kull kandidat li, waqt li jkun qiegħed isir l-eżami, jinstab ħati ta' mġiba ħażina jew xi ksur ieħor tar-Regolamenti maħruġa biex jiggwidaw il-kandidati.

13. Il-Bord ta' l-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jżomm id-dritt li jħassar l-eżami jekk tinstab xi irregolarità dwar dan l-eżami. Tħassir bħal dan jista' jkun dwar l-eżami kollu, ukoll jekk l-irregolarità li tinstab tkun dwar suġġett wieħed biss jew stadju partikolari ta' l-eżami.

It-8 ta' Marzu, 2005

of this notice.

10. Applications, (the only ones admissible) accompanied by a fee of Lm4 (preferably payable by cheque) will be received at the Department of Examinations, Floriana and at the Examinations Centre, Victoria, Gozo as from Monday, 4th April, 2005 to Friday, 8th April, 2005, from 8.00 a.m. to noon and from 1.30 p.m. to 4.00 p.m.

11. Late applications will not be considered.

12. The Board of Local Public Examinations shall have power to deal summarily with any candidate who, while the examination is in progress, is found to be guilty of misconduct or of any other breach of the instructions issued for the guidance of candidates.

13. The Board of Local Public Examinations reserves the right to annul the examination if any irregularity is detected in connection therewith. Such annulment may be in respect of the whole examination even if the detected irregularity is in respect of a particular stage of the examination.

8th March, 2005

EUROPEAN PERSONNEL SELECTION OFFICE

Call for Expression of Interest

The European Personnel Selection Office (EPSO) on behalf of the European Institutions and the European Parliament in particular, is launching a Call for expression of interest to select a core group of Bulgarian and Romanian-language staff to constitute a database of potential contract agents from which to fill vacant posts in the following areas:

Administrators - (A: Communications/Public relations: 1) Press Officer, 2) Public Relations Officer, 3) Visits administrator. B: Parliamentary Services: 1) Parliament Administrator/parliamentary committee or delegation, 2) Administrator/parliamentary administration. C: Legal/language services: 1) Lawyer linguist 2) Translator).

Assistants - (A: Administration/Personnel: 1) Assistant/staff file manager, 2) Secretary/staff file management. B: Administration/General: 1) Secretary with administrative duties, 2) Secretary. C: Parliamentary services: Documentary information assistant, D: Language services: Translation assistant).

All relevant information on the above posts as to eligibility requirements and qualifications may be seen on the EPSO website, http://europa.eu.int/epso/index_en.htm by clicking on the link "Staff engaged under contracts".

The closing date for all the above applications is 24th March 2005 at noon Brussels time.

Interested candidates are invited to apply online by visiting the above-mentioned website address before the closing date, and follow the instructions concerning the various stages of the procedure there.

Department of Policy and Planning,
Management and Personnel Office,
Office of the Prime Minister,
Valletta

8th March, 2005

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi g]all-Part-time Lecturing Staff, **G]awdex**

L-MCAST jinħtieġ jingaġġa *part-time lecturing staff* li jkun irid jagħti l-*lectures* f'Għawdex fl-oqsma li ġejjin:-

Servizzi fil-Komunità - b'riferenza speċifika għal:-
Anatomija u Fiżjoloġija
Nursing Care għall-Anzjani
Management Skills u Għoti ta' Servizz relatat mal-Kura ta' l-Anzjani

Kapaċitajiet meħtieġa biex jiġu impjegati nisa li jerġgħu lura fid-dinja tax-xogħol - b'riferenza speċifika għal:-
Servizz lill-Klijent
Ingliż għall-Prinċipjanti
Informazzjoni u Teknoloġija tal-Komunikazzjoni
Żvilupp Personali
Reklutaġġ u Kemm Wieħed jista' jiġi Impjegat

Tagħlim bażiku:-
Il-Malti
L-Ingliż

L-applikanti għandhom ikunu kapaċi jikkomunikaw sew u jkunu kapaċi jaħdmu ma' studenti maturi. Dawk li jintgħażlu jistgħu jkunu meħtieġa li jwettqu dmirijiet waqt il-ħinijiet normali tal-Kulleġġ, wara l-ħinijiet normali tal-Kulleġġ u/jew filgħodu f'Sibtijiet. Dawn ikunu impjegati fuq bażi ta' kuntratt definit *part-time* li jintemm f'Diċembru 2006.

Persuni interessati għandhom jibagħtu l-Formola ta' l-Applikazzjoni ta' l-MCAST, li tista' tinkiseb *online*, jew mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Raħal Ġdid, jew miċ-Ċentru ta' l-MCAST f'Għawdex, ix-Xagħra, sa nofsinhar ta' nhar l-Erbgħa, is-16 ta' Marzu, 2005. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati. L-applikazzjonijiet għandhom ikunu indirizzati lill-Uffiċjal tar-Riżorsi Umani, fl-indirizz ta' hawn taħt jew lill-*Manager* taċ-Ċentru f'Għawdex, iċ-Ċentru ta' l-MCAST f'Għawdex, 121, Triq it-Tiġrija, ix-Xagħra, Għawdex. Dawn il-proġetti huma ffinanzjati mill-Fond Soċjali Ewropew (ESF) ta' l-Unjoni Ewropea skond il-Programm Strutturali tal-Fond għal Malta 2004 - 2006.

ETC Permit Nru. 222/2004

It-8 ta' Marzu, 2005

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies for Part-time Lecturing Staff - Gozo

MCAST is seeking to recruit part-time lecturing staff willing to lecture in Gozo in the following areas:-

Community Services. Specific reference to:
Anatomy and Physiology
Nursing Care of the Elderly
Management Skills and Service Provision related to the Care of the Elderly

Employability Skills for Women returning to the Workforce. Specific reference to:
Customer Service
English for Beginners
Information and Communication Technology
Personal Development
Recruitment and Employability

Basic Skills:-
Maltese
English

Applicants should have good communication skills and be capable of working with mature students. Successful candidates may be required to perform duties during normal College hours, after College hours and/or on Saturday mornings. They will be employed on a part-time definite contract basis ending in December 2006.

Interested persons should submit the MCAST Application Form, available online, or from the Human Resources Office, Paola or from the MCAST Gozo Centre, Xagħra by not later than Wednesday 16th March, 2005 at noon. Late applications will not be considered. Applications are to be addressed to the Human Resources Officer, at the address below or the Gozo Centre Manager, MCAST Gozo Centre, 121, Triq it-Tiġrija, Xagħra. These projects are partly financed by the European Union European Social Fund (ESF) according to the Structural Funds Programme for Malta 2004-2006.

ETC Permit No. 222/2004

8th March, 2005

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jilqa' applikazzjonijiet għal:-

Assistenti bibljotekarji

Min jinħatar ikun meħtieġ li janalizza l-bżonnijiet ta' l-informazzjoni, jagħżel u jikseb il-materjal adattat, jipproċessa informazzjoni, jgħin u jissorvelja direttament lill-utenti tal-librerija u l-is*taff* u jgħin biex jistabbilixxu *standards* ta' kwalità fil-librerija.

Il-kandidati għandhom ikunu bibljotekarji kwalifikati, li jkollhom ta' l-anqas Diploma in Library and Information Studies (DLIS) mill-Università ta' Malta jew ekwivalenti. Tingħata preferenza lil dawk li jkollhom lawrja fl-Istudji ta' Bibljotekarji jew lawrija f'kull suġġett u *Diploma in Library and Information Studies*. L-applikanti għandhom ikunu jafu l-IT. Studenti li jkunu fl-aħħar sena tal-kors ta' DLIS jikkwalifikaw biex japplikaw.

Persuni interessati għandhom jibagħtu l-Formola ta' l-Applikazzjoni ta' l-MCAST, li tinkiseb *online* jew mill-Uffiċ ċju tal-*Human Resources,* Raħal Ġdid, mhux aktar tard minnofsinhar ta' nhar it-Tnejn, it-28 ta' Marzu, 2005. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 08.

(Permess ta' L-ETC Nru. 207/2004).

It-8 ta' Marzu, 2005

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

The Malta College of Arts, Science and Technology invites applications for:-

Assistant Librarians

The appointees will be required to carry out information needs analysis, select and acquire appropriate material, process information, directly support and supervise library users and staff and assist in the establishment of library quality standards.

Candidates should be qualified librarians, having as a minimum a Diploma in Library and Information Studies (DLIS) from the University of Malta or equivalent. Holders of a degree in Library Studies or a degree in any subject and a Diploma in Library and Information Studies will be preferred. Applicants should be IT literate. Students enrolled in the final year of the DLIS course qualify for application.

Interested persons should submit the MCAST Application Form, available online and from the Human Resources Office, Paola, by not later than noon of Monday, 28th March 2005. Late applications will not be considered. For further information one can contact the MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 08.

(ETC Permit No. 207/2004).

8th March, 2005

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Riżultat Rivedut ta' l-Intervista għall-Post ta' *Education Officers (French)* fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

Id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat rivedut ta' l-intervista għall-post imsemmi hawn fuq fin-*notice-board* tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana, fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta għall-perjodu ta' ġimgħa u fuq in-*notice-board* ta' l-Assistent Direttur ta' l-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex.

It-8 ta' Marzu, 2005

EDUCATION DIVISION

Revised Result of Interview for the Post of Education Officers (French) in the Education Division

The Education Division notifies that the revised result of the interview for the above mentioned pos may be viewed on the notice-board at the Education Division, Floriana, on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta for a period of one week and on the notice-board of the Assistant Director of the Education, Victoria, Gozo.

8th March, 2005

MINISTERU GĦALL-FAMILJA U SOLIDARJETÀ SOĊJALI

Assistenza Finanzjara fuq ix-Xiri minn Persuni b'Diżabilità ta' Apparat Speċjali

Biex jingħata għajnuna lil persuni b'diżabilità fix-xiri ta' apparat jew aċċessorji speċjali meħtieġa biex jgħixu ħajja indipendenti, il-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali qiegħda tniedi din l-Iskema li ġejja.

1. Tifsir

F'din l-Iskema, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xorta oħra:

"apparat speċjali" tfisser oġġetti jew aċċessorji magħmula speċifikament għall-użu ta' persuni b'diżabilità u li bihom jitjieb il-livell ta' ħajja u indipendenza tal-persuni b'diżabilità;

"applikanti" tfisser persuna li hija rreġistrata bħala persuna b'diżabilità mal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità, jew xi persuna oħra f'isem persuna b'diżabilità li hija rreġistrata bħala persuna b'diżabilità mal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità;

"Applikazzjoni" tfisser l-applikazzjoni għal din l-iskema kif maħruġa mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità";

"data effettiva" tfisser l-1 ta' Mejju 2004;

2. Min jista' japplika għall-għajnuna

Din l-iskema tapplika għall-infiq li jsir biex jinxtara apparat speċjali minn persuni b'diżabilità fid-data effettiva jew wara dik id-data.

3. Infiq li għandu jiġi rrapportat.

L-infiq li għandu jiġi rapportat huwa dwar ix-xiri ta' apparat speċjali biex jintuża esklussivament minn persuni b'diżabilità.

4. Kif wieħed japplika u d-dokumenti li għandhom jiġu provduti.

L-applikazzjonijiet taħt din l-Iskema għandhom isiru fuq formola apposta li tista' tinkiseb mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità u għandu jkun fihom dak it-tagħrif, dettalji u dokumenti kollha kif meħtieġa fil-formola msemmija u skond din l-Iskema.

(a) L-applikazzjonijiet għandu jkollhom mehmuża magħhom id-dokumenti li ġejjin:-

(i) In-numru tal-Karta Speċjali ta' l-identità tal-persuna

MINISTRY FOR THE FAMILY AND SOCIAL SOLIDARITY

Financial Assistance for the Purchase of Special Equipment by Persons with Disability

For the purposes of providing assistance to persons with disability on the purchase of special equipment or accessories required to live an independent life, the Minister for the Family and Social Solidarity is issuing the following scheme.

1. Meaning

In this scheme, unless the context otherwise requires:

"special equipment" means specific items or accessories meant for the use of persons with disability and specifically aimed to improve their level of life and independence;

"applicant" means a person registered as a person with disability with the National Commission for Persons with Disability, or any other person applying in the name of a disabled person who is registered as a disabled with the National Commission for Persons with Disability;

"application" means an application for this scheme issued by the National Commission for Persons with Disability;

"effective date" means the 1st May, 2004;

2. Who can apply for assistance

This scheme applies to expenditure incurred by persons with disability for the purchase of special equipment on or after the effective date.

3. Purchases that are to be reported.

Purchases to be reported are those in respect of special equipment purchased for the exclusive use of persons with disability.

4. Manner of application and supporting documents to be included.

Applications under this Scheme shall be made on the specific form obtained from the National Commission for Persons with Disability and shall include all information, details and documents as required in the said form and in terms of this Scheme.

(a) Applications shall be accompanied by the following documents:-

(i) The Special Identity Card number of the person with

b'diżabilità li għaliha qed issir it-talba kif maħruġa mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità

(ii) F'każ ta' persuna li tkun qed tagħmel it-talba f'isem persuna b'diżabilità, kopja tal-Karta ta' l-Identità ta' l-applikanti jew xi dokumenti uffiċjali ieħor fin-nuqqas ta' Karta ta' l-Identità

(iii) Letteratura dwar l-apparat speċjali li fuqu tkun qed issir it-talba (jekk meħtieġa)

(iv) il-kopja oriġinali ta' l-irċevuta meħtieġa li tinħareġ taħt xi liġi li turi l-ammont imħallas mill-applikant li għandu x'jaqsam man-nefqa fl-akkwist ta' l-apparat speċjali għal persuna b'diżabilità. Ma' din l-irċevuta għandha tkun mehmuża ittra uffiċjali mill-kumpannija minn fejn ikun inxtara l-apparat li tikkonferma li dik l-irċevuta msemmija hija l-irċevuta speċifika għax-xiri ta' l-apparat li għaliha qed issir it-talba.

(v) Kull dokument ieħor li l-Ministeru għal Familja u Solidarjetà Soċjali jista' jitlob minn żmien għal żmien

(b) Jikkwalifikaw biss għall-għotja msemmija fil-paragrafu 5 ta' din l-Iskema dawk l-applikazzjonijiet li jkunu jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskema.

(ċ) Applikazzjonijiet taħt din l-Iskema, inklużi d-dokumenti meħtieġa li jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, għandhom ikunu indirizzati lill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità, Ċentru Ħidma Soċjali, Triq Braille, Santa Venera, fi żmien tliet xhur mid-data tax-xiri ta' l-apparat.

5. Għotja finanzjarja

Applikanti li jikkwalifikaw jistgħu japplikaw għall-għotja li ma tistax tkun aktar minn 15% tal-valur imħallas fuq l-apparat speċjali skond il-każ.

6. Ħlas ta' l-Għotja

L-għotja titħallas solidament lil persuna b'diżabilità permezz ta' ċekk impustat fl-indirizz li jidher fuq l-applikazzjoni.

7. Validità ta' l-applikazzjoni

Ma titqiesx li tkun saret applikazzjoni kemm-il darba din ma tkunx sħiħa u dettaljata f'kull aspett materjali tagħha u kemm-il darba ma jkunx fiha t-tagħrif kollu meħtieġ u kemm-il darba ma jkollhiex mehmuż magħha d-dokumentazzjoni mitluba fl-applikazzjoni msemmija.

8. Tul ta' l-Iskema

Din l-Iskema tibqa' fis-seħħ mid-data tal-pubblikazzjoni

disability for whom this claim is being made as issued by the National Commission for Persons with Disability;

(ii) In the case where a claim is being made in the name of a person with disability, a copy of the Identity Card of the applicant or any other official document of identity where no identity card cannot be provided;

(iii) Information regarding the special equipment for which the claim is being made (where required);

(iv) The original copy of the receipt as required by law showing the amount of expenditure made by the applicant in connection with the puchase of the special equipment for a person with disability. Attached to the receipt should be an official letter from the company from where the special equipment has been purchased to confirm that the receipt is that specifically issued for the purchase of the equipment for which the claim is being made;

(v) Any other document as may be required from time to time by the Ministry for the Family and Social Solidarity.

(b) Only those applications that conform with the provisions of this Scheme shall qualify for the assistance as mentioned in paragraph 5 of this Scheme.

(c) Applications under this Scheme, including the documents required to be submitted with the application, shall be addressed to the National Commission for Persons with Disability, Ċentru Ħidma Soċjali, Braille Street, Sta. Venera by not later than 3 months from the date of purchase.

5. Financial Assistance

Eligible applicants may be awarded an allowance not exceeding 15% of the value paid on the special equipment as the case may be.

6. Payment of assistance

Payment of assistance will be made directly to the person with disability by cheque posted to the address shown on the application

7. Validity of the application

An application shall not be deemed to have been submitted unless it is full and complete in all material respects and unless it contains all the information and is accompanied by all the documentation requested in the said application and in this Scheme.

8. Duration of the Scheme

This Scheme shall enter into force on the date of its

tagħha fil-Gazzetta, sakemm din l-Iskema ma tiġix mitmuma permezz ta' avviż fil-Gazzetta.

9. Emendi għall-Iskema

Il-Ministru għal Familja u Solidarjetà Soċjali żżomm id-dritt li tagħmel kull tibdil f'din l-Iskema bil-pubblikazzjoni ta' dak it-tibdil fil-Gazzetta.

10. Dispożizzjonijiet tranżitorji

Applikazzjonijiet magħmula taħt din l-Iskema fir-rigward ta' xiri ta' apparat speċjali li sar bejn 1 ta' Mejju, 2004 u d-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-Avviż għandhom jitqiesu bħala applikazzjonijiet li daħlu fiż-żmien u validi taħt din l-Iskema

It-8 ta' Marzu, 2005

publication in the Gazette, and shall remain in force until this Scheme is terminated by means of a notice published in the Gazette.

9. Changes to the Scheme

The Minister for the Family and Social Solidarity retains the right to make any changes to this Scheme by means of a publication of such amendments in the Gazette.

10. Transitory provisions

Applications made under this Scheme with respect to the purchase of special equipment made between the 1st May, 2004 up to the date of publication of this Notice are to be considered as applications received in time and valid under this Scheme.

8th March, 2005

AWTORITÀ TAD-DJAR

Għotja Biex Tgħin lis-Sidien fil-Bini, Irranġar u/jew Tkomplija ta' l-Ewwel Residenza Tagħhom

B'riferenza għall-Iskema fejn tingħata għotja biex tgħin lis-sidien fil-bini, irranġar u/jew tkomplija ta' l-ewwel residenza tagħhom - ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-1 ta' Settembru 2004, l-Awtorità tad-Djar qed tagħmel dawn l-emendi:-

(1) temenda Sub-Klawsola (i) ta' Klawsola 5 biex tkun kif ġej:-

(i) Kategorija A: dar ta' abitazzjoni li l-bini tagħha jew tkomplija ta' xogħlijiet relatati magħha jkunu saru wara 1 ta' Jannar 1999;

(2) temenda Sub-Klawsola (ii) ta' Klawsola 5 biex tkun kif ġej:-

(ii) Kategorija B - irranġar, rikostruzzjoni u estensjoni ta' proprjetà biex tintuża bħala l-ewwel dar ta' abitazzjoni, li tali xogħol relatat ma' l-istess abitazzjoni jkun sar wara l-1 ta' Jannar 1999 u liema proprjetà kienet mibnija u lesta għall-abitazzjoni fl-ewwel ta' Jannar 1960 jew qabel:

(3) temenda Sub-Klawsola (ii) ta' Klawsola 7 biex tiġi kif ġej:-

li jkunu għamlu xogħlijiet fid-dar ta' abitazzjoni qabel l-1 ta' Jannar 1999.

It-8 ta' Marzu, 2005

HOUSING AUTHORITY

Grant to Assist Owners in the Construction and/or Completion or Rehabilitation of their First Home

With reference to the Scheme whereby grants are given to assist owners in the construction and/or completion or rehabilitation of their first home - published in the Government Gazette of the 1st September 2004, the Housing Authority wishes to effect the following amendments:-

(1) amend Sub-Clause (i) of Clause 5 to read as follows:-

(i) Category A: A first dwelling house, which was constructed or completed after 1st of January 1999;

(2) amend Sub-Clause (ii) of Clause 5 to read as follows:-

(ii) Category B: Rehabilitation, reconstruction and extensions of a property for use as a first dwelling which works related to the same residence were carried out after 1st of January 1999 and which property was built and ready for habitation on or before 1st January 1960:

(3) amend Sub-Clause (ii) of Clause 7 to read as follows:-

(ii) for works carried out before 1st January 1999.

8th March, 2005

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) tar-Regolament 20 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, qiegħda tiġi pubblikata skeda li turi n-numru ta' poloz tal-votazzjoni stampati għal kull Kunsill Lokali u n-numru li ser jitqassam f'kull kamra tal-votazzjoni ndividwali.

C. L. De GABRIELE
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

It-8 ta' Marzu, 2005

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

In pursuance of the provisions of subsection (1) of Regulation 20 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, there is hereby published a schedule showing the number of ballot papers printed for each Local Council and the number to be distributed in each individual polling booth.

C. L. De GABRIELE
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

8th March, 2005

SKEDA – *SCHEDULE*

Lokalità *Locality*	Poloz tal-Votazzjoni mqassma fil-Kmamar tal-Votazzjoni *Ballot Papers distributed in the Polling Booths*	Poloz tal-Votazzjoni miżmuma bħala riserva *Ballot Papers held as a reserve*	Total ta' Poloz tal-Votazzjoni stampati *Total of Ballot Papers printed*
Valletta	7700	300	8000
Isla	3500	300	3800
Żebbuġ	9800	300	10100
Balzan	3500	300	3800
Dingli	2800	300	3100
Fontana	1400	300	1700
Għajnsielem	2800	300	3100
Għasri	700	300	1000
Iklin	3500	300	3800
Kirkop	2100	300	2400
Mellieħa	7200	300	7500
Mqabba	2800	300	3100
Nadur	4200	300	4500
Pembroke	2100	300	2400
Qrendi	2800	300	3100
San Ġiljan	7000	300	7300
San Pawl il-Baħar	10400	300	10700
Santa Venera	7000	300	7300
Ta' Xbiex	2100	300	2400
Xewkija	2800	300	3100
Żurrieq	9100	300	9400

RENDIKONT TA' KIF ĠEW IMQASSMA L-POLOZ TAL-VOTAZZJONI FIL-KMAMAR TAL-VOTAZZJONI
AN ACCOUNT OF THE DISTRIBUTION OF BALLOT PAPERS IN THE POLLING BOOTHS

Lokalità *Locality*	Kmamar tal-Votazzjoni *Polling Booths*	Poloz tal-Votazzjoni Mqassma *Ballot Papers Distributed*
Valletta	Minn Nru. 1 sa Nru. 11 *From No. 1 to No. 11*	700 Polza tal-Votazzjoni f'kull Kamra *700 Ballot Papers in each Booth*
Isla	Minn Nru. 47 sa Nru. 51 *From No. 47 to No. 51*	700 Polza tal-Votazzjoni f'kull Kamra *700 Ballot Papers in each Booth*
Żebbuġ	Minn Nru. 258 sa Nru. 271 *From No. 258 to No. 271*	700 Polza tal-Votazzjoni f'kull Kamra *700 Ballot Papers in each Booth*
Balzan	Minn Nru. 298 sa Nru. 302 *From No. 298 to No. 302*	700 Polza tal-Votazzjoni f'kull Kamra *700 Ballot Papers in each Booth*
Dingli	Minn Nru. 294 sa Nru. 297 *From No. 294 to No. 297*	700 Polza tal-Votazzjoni f'kull Kamra *700 Ballot Papers in each Booth*
Fontana	Minn Nru. 516 sa Nru. 517 *From No. 516 to No. 517*	700 Polza tal-Votazzjoni f'kull Kamra *700 Ballot Papers in each Booth*
Għajnsielem	Minn Nru. 518 sa Nru. 521 *From No. 518 to No. 521*	700 Polza tal-Votazzjoni f'kull Kamra *700 Ballot Papers in each Booth*
Għasri	Nru. 524 *No. 524*	700 Polza tal-Votazzjoni f'kull Kamra *700 Ballot Papers in each Booth*
Iklin	Minn Nru. 333 sa Nru. 335 u minn Nru. 350 sa Nru. 351 *From No. 333 to No. 335* *and from No. 350 to No. 351*	700 Polza tal-Votazzjoni f'kull Kamra *700 Ballot Papers in each Booth*
Kirkop	Minn Nru. 236 sa Nru. 238 *From No. 236 to No. 238*	700 Polza tal-Votazzjoni f'kull Kamra *700 Ballot Papers in each Booth*
Mellieħa	Minn Nru. 467 sa Nru. 475 *From No. 467 to No. 475*	800 Polza tal-Votazzjoni f'kull Kamra *800 Ballot Papers in each Booth*

Lokalità *Locality*	Kmamar tal-Votazzjoni *Polling Booths*	Poloz tal-Votazzjoni Mqassma *Ballot Papers Distributed*
Mqabba	Minn Nru. 188 sa Nru. 191 *From No. 188 to No. 191*	700 Polza tal-Votazzjoni f'kull Kamra *700 Ballot Papers in each Booth*
Nadur	Minn Nru. 530 sa Nru. 535 *From No. 530 to No. 535*	700 Polza tal-Votazzjoni f'kull Kamra *700 Ballot Papers in each Booth*
Pembroke	Minn Nru. 381 sa Nru. 383 *From No. 381 to No. 383*	700 Polza tal-Votazzjoni f'kull Kamra *700 Ballot Papers in each Booth*
Qrendi	Minn Nru. 192 sa Nru. 195 *From No. 192 to No. 195*	700 Polza tal-Votazzjoni f'kull Kamra *700 Ballot Papers in each Booth*
San Ġiljan	Minn Nru. 384 sa Nru. 393 *From No. 384 to No. 393*	700 Polza tal-Votazzjoni f'kull Kamra *700 Ballot Papers in each Booth*
San Pawl il-Baħar	Minn Nru. 494 sa Nru. 506 *From No. 494 to No. 506*	800 Polza tal-Votazzjoni f'kull Kamra *800 Ballot Papers in each Booth*
Santa Venera	Minn Nru. 38 sa Nru. 42 u minn Nru. 252 sa Nru. 256 *From No. 38 to No. 42* *and from No. 252 to No. 256*	700 Polza tal-Votazzjoni f'kull Kamra *700 Ballot Papers in each Booth*
Ta' Xbiex	Minn Nru. 378 sa Nru. 380 *From No. 378 to No. 380*	700 Polza tal-Votazzjoni f'kull Kamra *700 Ballot Papers in each Booth*
Xewkija	Minn Nru. 549 sa Nru. 552 *From No. 549 to No. 552*	700 Polza tal-Votazzjoni f'kull Kamra *700 Ballot Papers in each Booth*
Żurrieq	Minn Nru. 199 sa Nru. 211 *From No. 199 to No. 211*	700 Polza tal-Votazzjoni f'kull Kamra *700 Ballot Papers in each Booth*

ATT TA' L-1991 DWAR
L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI

ATT NRU. XXI TA' L-1991

Avviż

Ngħarrfu illi skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 43 ta' l-Att ta' l-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, b'ordni ta' l-Uffiċjal Reviżur saret din iż-żieda u dan it-tnaqqis fir-Reġistru Elettorali ppubblikat f'Ottubru, 2004.

ŻIEDA

Dela Maria – 1010849M – 63, Triq San Duminku, Valletta

TNAQQIS

Cacciattolo Saviour k/a Silvio – 480372M – 35, Triq il-Baċir, Msida

Cutajar Malcolm – 171085M – 1, Sunrise, Triq iċ-Cawsli, Qormi

It-8 ta' Marzu, 2005

Il-kawża Ċitazzjoni Numru 410/2004 NC, fl-ismijiet Middle Sea Insurance plc pro et noe vs Grima Edgar, tinsab differita għat-12 ta' April 2005 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 3 ta' Marzu 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 10th December 2004, in the records of the case Writ of Summons Number 410/2004, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Middle Sea Insurance plc proprio and as subrogated in the rights of its insured Victor and Pauline spouses Mizzi, filed on the 3rd June 2004, a Writ of Summons in the First Hall Civil Court against Edgar Grima, whereby they asked the defendant why this Honourable Court should not for the reasons premised and saving any other necessary declaration;

Declare the defendant responsible for the explosion which occurred inside his garage on the seventh (7) of June two thousand and two (2002) and for the consequent damages suffered by the insured of the plaintiff company;

To liquidate the amount of damages which the plaintiff company forked out in the sum of Lm5,558.12;

Condemn the defendant to pay the plaintiff company the sum so liquidated;

With costs and legal interests against the defendant who is from now summoned so that a reference to his oath be made and saving any other action at law.

Defendant: Edgar Grima
Door 2, Flat 8
Block 5, Triq Ħal Luqa,
Tarxien.

The case Writ of Summons Number 410/2004 NC, in the names Middle Sea Insurance plc pro et noe vs Grima Edgar, has been put off for the 12 April 2005, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 3rd March 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals.

458

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fil-15 ta' Frar 2005, fl-atti taċ-Ċitazzjoni numru 803/04 FS, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut Victor Portelli, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Godfrey Schembri ppreżenta Ċitazzjoni fit-22 ta' Ottubru 2004, fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili kontra Victor Portelli fejn talab il-konvenut għaliex għar-raġunijiet premessi din il-Qorti m'għandhiex;

Tiddikjara lill-konvenut Victor Portelli unikament responsabbli għall-inċident li ġara fid-19 ta' Ottubru 2003 fi Triq il-Miġja tal-Papa, l-Isla, għall-habta ta' l-10.30 p.m. meta huwa volontarjament saq il-karozza fid-direzzjoni tiegħu u ta' Alfred Fiteni u tajjar lill-attur għax ried.

Tiddikjara lill-konvenut responsabbli għad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-attur li, b'riżultat ta' l-imsemmi inċident, sofra diżabilità permanenti.

Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur.

Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' l-20 ta' Settembru 2004 u dawk ta' l-inkartament ta' l-Għajnuna Legali, kontra l-konvenut li huwa nġunt għas-subizzjoni. Bl-imgħax sal-pagament effettiv.

Konvenut: 157, Flat 2, Triq San Ġużepp, l-Isla.

B'Avviż għas-smigħ ta' kawża maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri l-Ġimgħa 29 ta' Ottubru 2004, il-kawża Ċitazzjoni Numru 803/2004 FS, fl-ismijiet Schembri Godfrey vs Portelli Victor ġiet imqiegħda fil-lista tal-kawżi li għandhom jinstemgħu nhar it-Tnejn, 7 ta' Frar 2005, fl-10.30 a.m.

B'ordni ta' l-istess Qorti l-kawża hawn fuq imsemmija ġiet differita għas-27 ta' April 2005, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 3 ta' Marzu 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 15th February 2005 in the records of the Writ of summons number 803/04 FS, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant Victor Portelli, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Godfrey Schembri filed a Writ of Summons on the 22nd October 2004, in the First Hall Civil Court against Victor Portelli, whereby he asked the defendant why for the reasons premised this Court should not;

Declare the defendant Victor Portelli solely responsible for the accident which occurred on the 19th October 2003 in the Pope's Visit Street, Senglea, round about 10.30 p.m., when he voluntarily drove the car in his direction and of Alfred Fiteni and he voluntarily hit the plaintiff.

Declare the defendant responsible for all the consequential damages suffered by the plaintiff who as a result of the said accident suffered a permanent disability.

To liquidate all the damages suffered by the plaintiff.

To condemn the defendant to pay the plaintiff the damages so liquidated.

With costs including those of the judicial letter of the 20th September 2004 and those of the Legal Aid proceedings, against the defendant who is summoned so that a reference to his oath be made. With interest till the effective payment.

Defendant: 157, Flat 2, St. Joseph Street, Senglea.

By a Notice of hearing of a case issued by the Registry Superior Courts on Friday 29th October 2004 the case Writ of Summons Number 803/2004 FS in the names Schembri Godfrey vs Portelli Victor was put down on the list of causes which are to be heard on Monday 7th February 2005 at 10.30 a.m.

By order of the same Court the case above mentioned has been put off to the 27th April 2005, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 3rd March 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals.

459

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fl-1 ta' Marzu 2005, il-Qorti Ċivili Prim Awla, ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' l-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fl-1 ta' Marzu 2005, fuq talba ta' Avv. Dottor Luigi A. Sansone noe ġie ordnat biex jintgħażlu Kuraturi Deputati biex jirrapreżentaw lil S.A.E.L. Mefa Sporting Import ta' 34, Coop Es Salem No. 05 Birkhadem Algiers, l-Alġerija, fl-atti taċ-Ċitazzjoni, fl-ismijiet Avv. Dottor Luigi Sansone noe vs Kuraturi Deputati biex jirrapreżentaw lil S.A.E.L. Mefa Sporting Import ta' 34, Coop ES Salem No. 05 Birkhadem Algiers, l-Alġerija u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Ċitazzjoni ppreżentata fit-28 ta' Frar 2005, fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Avukat Dottor Luigi A. Sansone (K.I. 258269M) bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera Guccio Gucci S. p.A. ta' Via Tornabuoni, 73/r, Firenze, Italja kontra Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil S.A.E.L. Mefa Sporting Import, ta' 34, Coop Es Salem No. 05, Birkhadem Algiers, l-Alġerija, fejn talbu l-konvenuta tgħid għaliex għar-raġunijiet hawn qabel premessi m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti;

(1) tiddikjara li l-oġġetti konsistenti fi żraben u kaxxi kontenenti l-istess, li fuqhom hemm sinjali GUCCI u li jinsabu preżentement taħt l-awtorità tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-container ECMU 1018320 kontenenti l-imsemmija artikli, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tas-soċjetà attriċi fir-rigward tat-trademark tagħha GUCCI bin-numru tar-reġistrazzjoni 34922;

(2) tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oġġetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerċ b'dak il-mod li jipprekludu xi ħsara lis-soċjetà attriċi, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruġġi dawk l-oġġetti, f'kull każ mingħajr ebda kumpens lill- u għas-spejjeż tal-konvenuta;

(3) tieħu jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jieħu dwar dawk l-oġġetti kull miżura oħra li jkollha l-effett li effettivament iċċaħħad lill-konvenuta mill-benefiċċji ekonomiċi tat-transazzjoni;

(4) tordna li l-konvenuta għandha tbati l-ispejjeż kollha konnessi mal-miżuri ordnati ai termini tat-tieni u tat-tielet

It is hereby notified that by a decree given by this Court on the 1st March 2005 the Civil Court First Hall, ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purposes of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Marshal of the Court

Whereas by decree given by this Court on the 1st March 2005 on request of Adv. Dr Luigi A. Sansone noe it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent S.A.E.L. Mefa Sporting Import of 34, Coop Es Salem No. 05 Birkhadem Algiers, Algeria, in the acts of the Writ of Summons, in the names Adv. Dr Luigi Sansone noe vs Deputy Curators to represent S.A.E.L. Mefa Sporting Import of 34, Coop Es Salem No. 05 Birkhadem Algiers, Algeria and in the relative and subsequent acts.

By means of a Writ of Summons filed on the 28th February 2005, in the First Hall Civil Court, in the names Adv. Dr Luigi A. Sansone (ID 258269M) as special mandatory of the foreign company Guccio Gucci S. p.A. of Via Tornabuoni, 73/r, Firenze, Italy against Deputy Curators to represent S.A.E.L. Mefa Sporting Import of 34, Coop Es Salem No. 05, Birkhadem Algiers, Algieria, whereby they asked the defendant to state why for the reasons above premised this Honourable Court should not;

(1) declare that the objects consisting in shoes and the boxes containing the same on which there are the marks GUCCI and which are presently under the authority of the Comptroller of Customs after he had suspended the release of the container ECMU 1018320 containing the said articles contravene the rights of intellectual property of the plaintiff company as regards its trademark GUCCI with registration number 34922;

(2) to order the Comptroller of Customs to dispose from these objects outside the normal trade channels in such a manner as to preclude any damage to the plaintiff company, or to order the Comptroller of Customs to destroy these objects, in any case without any compensation and at the expense of the defendants;

(3) to take or order the Comptroller of customs to take as regards these objects any other measure which shall have effect to effectively deprive the defendant from the economic benefits of the transaction;

(4) order that the defendant is to bear all the expenses in connection with the measures ordered in terms of the second

talba ta' l-attriċi, inklużi dawk tat-trasport ta' l-imsemmija oġġetti għall-ħażna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali tagħhom, tal-ħażna stess kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-ħażna sal-lok ta' l-eventwali distruzzjoni.

Bl-ispejjeż, kollha kontra l-konvenuta, li tibqa' minn issa inġunta għas-subizzjoni tagħha.

Attur nomine: 84, Triq Melita, Valletta VLT 12.

Konvenuta: Kuraturi Deputati – Il-Qorti, Valletta.

Inti għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri, u sseġġaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fi żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi ta' l-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu , inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla fuq imsemmija bix-xhieda ta' l-Imħallef Joseph Azzopardi, LL.D. Duttur tal-Liġi.

Illum 1 ta' Marzu 2005.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 3 ta' Marzu 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali.

and third demands of the plaintiff including those of transport of the said objects for storage in Malta before there eventual destruction, for the storage itself and for the transport from the storage place till the place of eventual destruction.

With all costs, against the defendant from now summoned so that a reference, to its evidence be made.

Plaintiff nomine: 84, Melita Street, Valletta VLT 12.

Defendant: Deputy Curators – The Courts, Valletta.

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann in the lobby of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days, and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the aforementioned First Hall of the Civil Court with the witness of Judge Joseph Azzopardi, LL.D. Doctor of Laws.

This 1st March 2005.

Registry of the Superior Courts, today 3rd March 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals.

460

Billi Dott. Chris Said bħala mandatarju ta' l-imsiefer Pierre Joseph Meilak ippreżenta Ċitazzjoni Numru: 7/2005 (PC) fl-ismijiet Dott. Chris Said nomine - versus - Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex fejn talab il-korrezzjoni ta' l-ATT TAT-TWELID Numru (251/1982) ta' Pierre Joseph Meilak.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja hawn imsemmija bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Superjuri, illum, 7 ta' Marzu, 2005.

FRANCIS ATTARD
Dep. Reġistratur

Whereas Dr. Chris Said as Mandatory of Pierre Joseph Meilak filed a Writ of Summons No. 7/2005(PC) in the names Dr. Chris Said nominee versus Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex demanding CORRECTIONS in the ACT OF BIRTH (No. 251/1982) of Pierre Joseph Meilak.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said writ-of-summons, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

Registy of the Courts of Magistrates (Gozo) Superior Matter, today, this, 7th March, 2005.

FRANCIS ATTARD
Deputy Registrar

461

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fl-24 ta' Awissu 2004, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali datata 14 ta' Lulju 2004, fl-ismijiet Bank of Valletta plc vs Primo Camilleri ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ippreżentata fl-14 ta' Lulju 2004, fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Primo Camilleri, is-soċjetà Bank of Valletta p.l.c. interpellat lil intimat sabiex fi żmien jumejn iħallas is-somma ta' sitt mija u tletin lira Maltija u disgħa u sebgħin ċenteżmu (Lm630.79) bilanċ għad-debitu fil-Credit Card Loan Account tiegħu mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri mill-1 ta' April 2004, sad-data ta' l-effettiv pagament.

Is-soċjetà mittenti tavżak illi jekk tonqos hija se tkun kostretta tipproċedi kontra tiegħek skond il-liġi.

Soċjetà mittenti: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
173, St. Christopher Street,
Valletta.

Intimat: Primo Camilleri (ID Numru 50845M)
Sunshine, Flat 2, Triq il-Lampara, Baħar iċ-Ċagħaq, in-Naxxar.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 3 ta' Marzu 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali.

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 24th August 2004, in the records of the judicial letter dated 14th July 2004, in the names Bank of Valletta plc vs Primo Camilleri ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed on the 14th July 2004, in the Court of Magistrates (Malta) against Primo Camilleri, the company Bank of Valletta p.l.c. called upon the respondent so that within two days he pays the sum of six hundred and thirty Maltese liri and seventy nine cents (Lm630.79) balance of debt in his Credit Card Loan Account with the Bank of Valletta p.l.c. together with further interests from the 1st April 2004 till the date of effective payment.

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to law.

Interpellant Company: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
173, St. Christopher Street,
Valletta.

Respondent: Primo Camilleri (ID Number 50845M)
Sunshine, Flat 2, Lampara Street, Baħar iċ-Ċagħaq, Naxxar.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 3rd March 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

462

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fis-26 ta' Awissu 2004, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 2629/04 fl-ismijiet APS Bank Ltd vs Antoinette Sciberras ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimata a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fis-7 ta' Mejju 2004, fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Antoinette Sciberras, Wigan, Flat 4, Triq Apap Bologna, Marsaskala, APS Bank Ltd ta' APS House, St. Anne Square, Furjana, interpellaw lil intimata sabiex fi żmien ħmistax-il ġurnata minn notifika ta' din l-ittra uffiċjali tħallas is-somma ta' disa' mija u disgħa u ħamsin lira u tnejn u disgħin ċenteżmu (Lm959.92) dovuta kwantu għas-somma ta' Lm919.52 bħala bilanċ ta' debitu ta' Loan Account numru 12159532011 u kwantu għas-somma ta' Lm40.40 bħala bilanċ ta' debitu ta' Interest Disposal Account numru 2000078546.

Fin-nuqqas jittieħdu passi ulterjuri skond il-liġi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax ulterjuri b'effett mill-31 ta' Diċembru 2003.

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 26th August 2004, in the records of the judicial letter number 2629/04 in the names APS Bank Ltd vs Antoinette Sciberras ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed on the 7th May 2004, in the Court of Magistrates (Malta) against Antoinette Sciberras, Wigan, Flat 4, Apap Bologna Street, Marsascala, APS Bank Ltd of APS House, St. Anne Square, Floriana, called upon the respondent so that within fifteen days from the date of service of this judicial letter you pay the sum of nine hundred and fifty nine liri and ninety two cents (Lm959.92) due as for the sum of Lm919.52 as balance of debt in Loan Account number 12159532011 and as for the sum of Lm40.40 as balance of debt of Interest Disposal Account number 2000078546.

Failing which further steps according to law will be taken.

With costs and interest with effect from the 31st December 2003.

Din l-ittra uffiċjali qed tiġi preżentata ai termini tal-Kap. 12 u Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 3 ta' Marzu 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali.

This judicial letter is being presented in terms of Chapter 12 and Chapter 16 of the Laws of Malta.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 3 March 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

463

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-23 ta' Lulju 2004 mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex isservi ta' notifika skond l-Artikolu 183(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'rikors u b'Ċedola ta' Kompensazzjoni kontestwalment preżentati minn Pater Finance Co. Ltd fil-21 ta' Lulju 2004, qed jintalab it-tpaċċija ta' l-ammont ta' Lm650.00ċ.0 prezz minnhom offert fil-bejgħ bl-irkant tal-karrozza Fiat Punto Van bin-numru ta' reġistrazzjoni DBD 986, miżmum taħt l-awtorità ta' din il-Qorti fil-15 ta' Lulju 2004, appartenenti lil Rolando Cusimano.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum, l-24 ta' Frar, 2005.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 23rd July 2004 given by the Magistrates' Courts (Malta) ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12).

That by an application and a Schedule of Deposit of Set-Off filed contemporaneously by Pater Finance Co. Ltd on the 21st July 2004, the approval of the said Judicial Acts is being demanded for the amount of Lm650.00c0 being the purchase price of vehicle Fiat Punto Van registration number DBD 986, belonging to Rolando Cusimano, held in a Sale by Auction under the authority of the said Court on the 15th July 2004.

Registry of the Magistrates' Courts (Malta), today, the 24th day of February, 2005

VINCENT ATTARD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

464

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-12 ta' Awissu 2004 mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex isservi ta' notifika skond l-Artikolu 183(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'rikors u b'Ċedola ta' Kompensazzjoni kontestwalment preżentati minn Pater Finance Co. Ltd fit-13 ta' Lulju 2004, qed jintalab it-tpaċċija ta' l-ammont ta' Lm400.00ċ.0 prezz minnhom offert fil-bejgħ bl-irkant tal-vettura Ducato Van bin-numru ta' reġistrazzjoni IBG 097, miżmum taħt l-awtorità ta' din il-Qorti fit-8 ta' Lulju 2004, appartenenti lil Carmel Muscat.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum, l-24 ta' Frar, 2005

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 12th August 2004 given by the Magistrates' Courts (Malta) ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12).

That by an application and a Schedule of Deposit of Set-Off filed contemporaneously by Pater Finance Co. Ltd on the 13th July 2004, the approval of the said Judicial Acts is being demanded for the amount of Lm400.00c0 being the purchase price of vehicle Ducato Van registration number IBG 097, belonging to Carmel Muscat, held in a Sale by Auction under the authority of the said Court on the 8th July 2004.

Registry of the Magistrates' Courts (Malta), today, the 24th day of February, 2005

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

465

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fl-1 ta' Frar 2005 u ieħor fit-3 ta' Frar 2005, fl-atti tal-kawża Ċitazzjoni numru 896/2004, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Wafaa Muscat Es Samlaly, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Taddeo u Marilyn konjugi Attard bħala kuraturi ad litem tal-minuri binthom Angelique Attard, ippreżentaw Ċitazzjoni, fit-18 ta' Novembru 2004, fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili kontra Raymond Xerri u Wafaa Muscat Es Samlaly, fejn talbu l-konvenuti jew min minnhom, għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti;

1. tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuti Raymond Xerri u Wafaa Muscat Es Samlaly, jew min minnhom, huma responsabbli għall-inċident li seħħ fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Jannar 2004, fejn Angelique Attard sofriet danni ta' natura gravi kif ukoll disabilità ta' natura permanenti meta, filwaqt illi Angelique Attard kienet riekba bħala passiġiera fil-minivan ta' l-iskola, bin-numru ta' reġistrazzjoni HMY 180, li kien għaddej fi Triq San Aristarkus, San Pawl il-Baħar, misjuq mill-konvenut Raymond Xerri, il-minivan sfat involuta f'inċident awtomobilistiku ma' vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni ABL 604, misjuqa mill-konvenuta Wafaa Muscat Es Samlaly, u dan minħabba negliġenza, traskuraġini, u inadempjenza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess konvenuti Raymond Xerri u Wafaa Muscat Es Samlaly jew min minnhom;

2. tillikwida d-danni sofferti minn Angelique Attard, b'riżultat ta' dan l-inċident fuq imsemmi, konsegwenza ta' liema l-istess Angelique Attard qed tbati minn disabilità permanenti;

3. tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom, iħallsu lill-atturi nomine d-danni li jiġu hekk likwidati.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk ta' l-ittra uffiċjali data tnejn (2) ta' Lulju 2004 (numru 2324/04) u bl-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra l-konvenuti li huma minn issa inġunti in subizzjoni.

B'Avviż għas-smigħ ta' kawża maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri, it-Tlieta 21 ta' Dicembru 2004, il-kawża Ċit. Numru 896/2004 FS fl-ismijiet Attard Taddeo et noe vs Xerri Raymond et ġiet appuntata għall-Ħamis, it-3 ta' Frar 2005, fl-10.00 a.m.

B'ordni ta' l-istess Qorti, il-kawża hawn fuq imsemmija ġiet differita għat-13 ta' April 2005 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum, 4 ta' Marzu 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 1st February 2005 and another on the 3rd February 2005, in the records of the cause Writ of Summons number 896/2004, ordered the following publication for the purpose of service of Wafaa Muscat Es Samlaly in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Taddeo and Marilyn spouses Attard as curators ad litem of their minor daughter Angelique Attard, filed a writ of summons on the 18th November 2004, in the First Hall Civil Court against Raymond Xerri and Wafaa Muscat Es Samlaly, whereby they asked the defendants or either of whom why this Honourable Court should not;

1. declare and decide that the defendants Raymond Xerri and Wafaa Muscat Es Samlaly, or either of whom are responsible for the incident which occurred on the twenty ninth (29) of January 2004, whereby Angelique Attard suffered damages of a grievous nature as well as a permanent disability when whilst Angelique Attard was riding as a passenger in the school minivan, bearing registration number HMY 180, which was passing in Aristarkus Street, St. Paul's Bay, driven by the defendant Raymond Xerri, the minivan was involved in a car accident with vehicle bearing registration number ABL 604, driven by the defendant Wafaa Muscat Es Samlaly, and this due to negligence, carelessness and failure to abide with the traffic regulations by the defendants Raymond Xerri and Wafaa Muscat Es Samlaly or either of whom;

2. to liquidate the damages suffered by Angelique Attard, as a result of the accident above mentioned as a consequence of which the same Angelique Attard is suffering of a permanent disability;

3. condemn the defendants or either of whom to pay the plaintiffs nomine the damages so liquidated.

With costs, including those of the judicial letter dated second (2) July 2004 (number 2324/04) and legal interest till the date of effective payment, all against the defendants who are from now summoned so that a reference to their oath be made.

By a Notice of hearing of a cause issued by the Registry Superior Courts on Tuesday, 21st December 2004, the cause Writ of Summons number 896/2004 FS in the names Attard Taddeo et noe vs Xerri Raymond et has been appointed for Thursday 3rd February 2005 at 10.00 a.m.

By order of the same Court the case above mentioned has been put off to the 13th April 2005 at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today, 4th March 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

466

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-14 ta' Diċembru 2004 mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex isservi ta' notifika skond l-Artikolu 183(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'rikors u b'Ċedola ta' Kompensazzjoni kontestwalment ippreżentati minn Pater Finance Co. Ltd fid-9 ta' Diċembru 2004, qed jintalab it-tpaċċija ta' l-ammont ta' Lm400.00,0 prezz minnhom offert fil-bejgħ bl-irkant tal-karrozza Hyundai Accent bin-numru ta' reġistrazzjoni MPF 180, miżmum taħt l-awtorità ta' din il-Qorti fis-7 ta' Diċembru 2004, appartenenti lil Mark Paul FitzPatrick.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum, l-24 ta' Frar, 2005

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 14th December 2004 given by the Magistrates' Courts (Malta) ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12).

That by an application and a Schedule of Deposit of Set-Off filed contemporaneously by Pater Finance Co. Ltd on the 9th December 2004, the approval of the said Judicial Acts is being demanded for the amount of Lm400.00c0 being the purchase price of vehicle Hyundai Accent registration number MPF 180, belonging to Mark Paul FitzPatrick held in a Sale by Auction under the authority of the said Court on the 7th December 2004.

Registry of the Magistrates' Courts (Malta), today, the 24th day of February, 2005.

VINCENT ATTARD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

467

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet tas-27 ta' Jannar, 2005 mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex isservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'rikors ippreżentat minn HSBC Home Loans (Malta) Limited fl-1 ta' Diċembru, 2004, qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' Lm5,700.00ċ0 depożitat b'ċedola numru 1086/2004, appartenenti lil Grazio u Salvina konjugi Abela.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum, il-25 ta' Frar, 2005.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 27th January, 2005, given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

That by an application filed by HSBC Home Loans (Malta) Limited on the 1st December, 2004, is asking for the withdrawal of the amount of Lm5,700.00c0, deposited by Schedule of Deposit number 1086/2004 appertaining to Grazio and Salvina spouses Abela.

Registry of the Superior Courts, today, the 25th day of February, 2005.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

468

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet ta' l-1 ta' Frar, 2005 mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'rikors ippreżentat fit-30 ta' Awissu, 2004, minn HSBC Bank Malta p.l.c., qed jintalab il-bejgħ b'Subasta tas-sest indiviz (1/6) tad-dar bin-numru 48, magħruf bħala "Sacred Heart", fi Triq il-Parroċċa, in-Naxxar. L-imsemmija propjetà tappartjeni lil Joseph Bartolo.

Registru tal-Qorti Superjuri, illum, l-24 ta' Frar, 2005

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 1st February, 2005 given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12).

That by application filed by HSBC Bank Malta p.l.c. on the 30th August, 2004, is asking for a Sale by Auction of one-sixth (1/6) undivided part of house number 48, known as "Sacred Heart", in Triq il-Parroċċa, Naxxar. The said property belongs to Joseph Bartolo.

Registry of the Superior Courts, today, the 24 February, 2005

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

469

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet tal-25 ta' Frar, 2005 mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Novembru, 2004 fuq rikors ta' HSBC Bank Malta p.l.c. ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, is-17 ta' Marzu, 2005 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-28 ta' Jannar, 2004 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-fondi hawn taħt deskritti.

Il-fond numerat 46, jismu "Santa Rita", fi Triq Balbi, il-Marsa, stamta li tiswa Lm15,500.00ċ0.

Il-villa bla numru jisimha "Villa Adalgisa", Triq Nicholas Monserrat, Ta' Ġiorni fil-limiti ta' San Ġiljan, kif soġġetta għas-sub-ċens annwu u perpetwu ta' Lm114.00ċ0, stmat li jiswa Lm122,720.00ċ0.

L-imsemmija propjetajiet jappartjenu lil Rita Ellul, Alexandra Falzon Scerri u lill-eredità ġjaċenti ta' Mario John Ellul.

N.B. L-imsemmija fondi jinbiegħu bħalma ġew deskritti mill-A.I.C. Joseph P. Dimech fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fis-7 ta' April, 2000.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum, l-4 ta' Marzu, 2005.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 25th February, 2005 given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

By decree given by the Civil Court First Hall on the 16th November, 2004 on the application of HSBC Bank Malta p.l.c.; Thursday, 17th March, 2005 from 9.00 a.m. to noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 28th January, 2004 to be held in the corridor of these Courts of the following properties.

Tenement numbered 46, known as "Santa Rita", in Balbi Street, Marsa, valued at Lm15,500.00c0.

Unnumbered villa known as "Villa Adalgisa", in Nicholas Monserrat Street, Ta' Ġiorni limits of St. Julians, being subject to the annual perpetual sub-ground-rent of Lm114.00c0, valued at Lm122,720.00c0.

The said properties belong to Rita Ellul, Alexandra Falzon Scerri and the inheritance of Mario John Ellul.

N.B. The said properties will be sold as described in the report sworn to by Joseph P. Dimech, A&CE, on the 7th April, 2000.

Registry of the Superior Courts, today the 4th day of March, 2005.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

470

B'digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Jannar, 2005 fuq rikors ta' TCV Services Company Limited ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, is-7 ta' April, 2005, mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-Bejgħ b'Liċitazzjoni li kien gie ordnat b'sentenza tal-5 ta' Novembru, 2004 li għandu jsir fil-KURIDUR TA' DAWN IL-QRATI tal-fond hawn taħt deskritt:-

Il-Fond ċioe blokk ta' flats esternament numerat 52, Triq it-Teatru, Valletta, stmat li jiswa Lm90,000.00ċ0.

L-imsemmija propjetà tappartjeni lil kolleċitanti kollha msemmija fl-istess Atti.

L-imsemmija propjetà tinbiegħ bħalma ġiet deskritta mill-AIC Albert Borg Costanzi fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-2 ta' Frar, 2004.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, it-23 ta' Frar, 2005.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court First Hall on the 27th January, 2005 on the application of TCV Services Company Limited, Thursday, 7th April, 2005 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the Sale by Licitation ordered by judgement given on the 5th November, 2004 to be held in the CORRIDOR OF THESE COURTS of the following property:-

Block of flats externally marked 52, Old Theatre Street, Valletta, valued at Lm90,000.00c0.

The said properties belong to all the collicitators named in the same Acts.

N.B. The said tenements will be sold as described in the report sworn to by Albert Borg Costanzi, A&CE, on the 2nd February, 2004.

Registry of the Superior Courts, this 23rd day of February, 2005.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

471

Ikun jaf kulħadd illi l-Bord li Jirregola l-Kera permezz ta' digriet mogħti fis-17 ta' Novembru 2004, fl-atti tar-rikors Numru 43/2004 JC Adelaide Ellul Et vs Modern Crown Stoppers Ltd ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimata Rita Ellul a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-25 ta' Mejju 2004, fil-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet Adelaide Ellul, Edmea mart Michael Calleja u l-istess Michael Calleja vs Modern Crown Stoppers Limited, Alexandra mart Norman Falzon Scerri, Rita Ellul, Emeric Ellul, Carmelo sive Charles Ellul, ir-rikorrenti Adelaide Ellul et ippremetiet talbet:

Illi bi skrittura tat-28 ta' Settembru 1976, fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Vella Galea l-esponenti ma' l-intimati Emanuel Ellul, Emeric Ellul u Carmelo sive Charles Ellul krew lill-intimat il-fond 26 Racecourse Street, il-Marsa bil-kera ta' Lm1,000 fis-sena pagabbli kull tliet xhur bil-quddiem kull 28 ta' Ġunju, 28 ta' Settembru, 28 ta' Diċembru, u 28 ta' Marzu.

Illi huma saru jafu illi l-intimat m'għadux jopera mill-fond in kwistjoni u mill-imsemmija fondi qed joperaw is-soċjetà C. Ellul & Sons Limited.

Illi din iċ-ċessjoni tammonta għal sullokazzjoni u/jew assenjazzjoni vjetata mil-liġi u mill-istess kuntratt ta' kiri partikolarment klawżola (6) ta' l-istess skrittura.

Illi huma jafu illi l-intimat Modern Crown Stoppers Limited qed jopera mill-fond RL4 Żona Industrijali, il-Kalkara.

Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Bord jogħġobha tordna r-ripreża tal-fond imsemmi 26, Racecourse Street, il-Marsa taħt il-pattijiet u kundizzjonijiet li dan l-Onorabbli Bord jidhirlu xieraq u opportuni u dan fi żmien qasir u perentorju.

Rikorrenti: 228 Triq St. Ursula, Valletta.

Intimati: .....Omissis.....
Rita Ellul, 'Adalgisa' Triq N. Monserrat, San Ġiljan.

.....Omissis.....

Ir-rikors numru 43/2004 JC, fl-ismijiet hawn fuq imsemmija, jinsab differit għas-smigħ għat-18 ta' April 2005, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 4 ta' Marzu 2005.

AVV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali.

It is hereby notified that the Rent Regulation Board by means of a decree given on the 17th November 2004, in the records of the application Number 43/2004 JC Adelaide Ellul et vs Modern Crown Stoppers Ltd ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Rita Ellul in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an application filed on the 25th May 2004, in the Rent Regulation Board in the names Adelaide Ellul, Edmea wife of Michael Calleja and the same Michael Calleja vs Modern Crown Stoppers Limited, Alexandra wife of Norman Falzon Scerri, Rita Ellul, Emeric Ellul, Carmelo sive Charles Ellul, the applicant Adelaide Ellul et, premised and asked:

That by means of a private writing of the 28th September 1976, in the records of Notary Dr. Joseph Vella Galea, the applicant together with the respondents Emanuel Ellul, Emeric Ellul and Carmelo sive Charles Ellul granted on lease to the respondent the premises 26 Racecourse Street, Marsa towards the rent of Lm1,000 per annum payable every three months in advance on the 28th June, 28th September, 28th December, and 28th March.

That they came to know that the respondent does no longer operate from the premises in question and from the said premises the company C. Ellul & Sons Limited is operating.

That this cession amounts to subletting and/or assignment which is prohibited by law and from the same contract of lease particulary clause (6) of the same writing.

That they know that the respondent Modern Crown Stoppers Limited is operating from the premises RL 4 Industrial Zone Kalkara.

Thus the applicant prays with respect that this Honoruable Board ordered the taking back of the premises mentioned 26 Racecourse Street, Marsa under the pacts and conditions that this Honourable Board deems fit and opportune and within a short and peremptory period.

Applicant: 228, St. Ursula Street, Valletta.

Respondent: .....Omissis.....
Rita Ellul, 'Adalgisa' N. Monserrat Street, St. Julian's.

.....Omissis.....

The application number 43/2004 JC, in the names above mentioned is put off for hearing to the 18th April 2005 at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 4th March 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

472

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet tal-15 ta' Novembru, 2004 mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Novembru, 2004 fuq rikors tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, l-10 ta' Marzu, 2005 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT U L-AĦĦAR LIBERAZZJONI, li kien ġie ordnat b'digriet tad-9 ta' Awissu, 1999 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-fond hawn taħt deskritt:

Il-fond bla numru jismu "The Orchids", Triq is-Sultana, Paola, soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' Lm50.00ċ0, stmat li jiswa Lm46,000.00ċ0.

L-imsemmi fond huwa propjetà ta' Carmelo sive Charles u Carmen konjugi Zahra.

Dan il-fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Paul Micallef fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fid-19 ta' Jannar, 2000.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum, l-24 ta' Frar, 2005.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 15th November, 2004 given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

By decree given by the Civil Court First Hall on 30th November, 2004 on the application of the Commissioner of V.A.T., Tuesday, 10th March, 2005 from 9.00 a.m. to noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION AND FINAL ADJUDICATION, ordered by a decree given on the 9th August, 1999 to be held in the corridors of these Courts of the following property:

Unnumbered tenement known as "The Orchids", Triq is-Sultana, Paola, being subject to the annual and perpetual ground-rent of Lm50.00c0, valued at Lm46,000.00c0.

The said tenement is the property of Carmelo sive Charles and Carmen spouses Zahra.

N.B. This tenement will be sold as described in the report confirmed on oath by Paul Micallef, A&CE, on the 19th January, 2000.

Registry of the Superior Courts, today, the 24th day of February, 2005.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

473

IKUN jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet Nutarili, b'digriet tal-1 ta' Marzu, 2004 ordnat il-korrezzjoni ta' l-Att tal-Mewt ta' Vincenza Galea li jġib in-numru 2223 tas-sena 2004 fis-sens illi fil-kolonna intestata "Jekk għażeb/xebba, miżżewweġ/miżżewġa, armel/armla" l-isem "Carmelo" għandu jiġi kkanċellat u sostitwit bl-isem "Giuseppe" kif ukoll illi fil-kolonna taħt"Isem u Kunjom il-Ġenituri", jekk "ħajjin jew mejtin" kunjom xbubit omm Vincenza Galea, "Correschi" għandu jiġi kkanċellat u sostitwit bil-kunjom "Coreschi".

Għar-Reġistratur tal-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili
Illum, 2 ta' Marzu, 2005

JOHN MUSCAT B.A. (CRIM)., DIP. CORR. SERV.
Deputat Reġistratur

IT IS hereby notified in virtue of the powers conferred on it by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a decree dated the 1st day of March, 20054, ordered the correction of the Act of Death of Vincenza Galea bearing number 2223 of the year 2004 in the sense that in the column entitled, "Whether married or unmarried, widower or widow" the name "Carmelo" is to be deleted and substituted with the name "Giuseppe" and also in the column entitled "Name and Surname of parents, and living or dead" the surname "Correschi" is to be deleted and substituted with the surname "Coreschi".

F/Registrar of the Court of Revision of Notarial Acts
This, 1st day of March, 2005.

JOHN MUSCAT B.A. (CRIM)., DIP. CORR. SERV.
Deputy Registrar

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*